Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **22** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ġimgħa 27 ta'Ġunju 2014 fis-7.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-sur JB Camilleri<br>Is-Sur Charlot Cassar |
| Skuzat | Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

## Aġenda

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 21.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni u Sejħa għall-Offerti
   - KLM 2014/02 – Street Sweeping and Grass in Urban Roads
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 **Qari w approvazzjonital-Minuti :**

1.1 **Laqgħa Nru 21(1) tas-26 ta' Mejju 2014:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Fl-assenza tal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, s-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu xi korrezzjonijiet min naħa tas-Sur Camilleri fejn hu illi kien bgħatlu email sabiex iressaqhom fl-assenza tiegħu, korezzjoni f'paġna 3 artiklu #2.1.3

"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 3 artiklu nru 2.1.4. Huwa spjega illi hu kien ikkomunika mal-P.R.O tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna sabiex jitkellmu. Il-PRO ~~President~~ kien qallu mill-ewwel illi jekk l-ammont ser jkun inqas minn €1500 allura ma hemm diskussjonijiet x'jsiru."

1.1.3 Is-Sur John B Camilleri xtaq li ssir korezzjoni anke f'paġna 5 artiklu #3.3 u jiġi jinqara kif imniżżel :

*"Is-Sindku spjega illi dan l-aħħar kien ċempillu is Sur Victor Vella ġurnalist tal-Orizzont fejn staqsieh jekk xtaqx li jikkummenta fuq interpellanza fil-Parlament minn l-Onor Karm Mifsud Bonnici. Is Sindku rrisponda fl-affermattiv u għadda l-kummenti kostruttivi għal-lokal u xejn personali kontra l-Onor. Karm Mifsud Bonnici. Bħal ħafna ġurnalisti, s-Sur Victor Vella poġġa l-artiklu tiegħu fuq il-blog. Is-Sindku kompla jgħid li xi ħadd mhux magħruf għalih beda jgħaddi kummenti xejn sbieh fil-konfront tas-Sindku u dan ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-suġġett, iżda sa hemm ma ġara xejn u injorah iżda meta kompla jżid illi kien hemm xi taħwid fit-tenders ma setgħax ma jinfurmax il-Pulizija b'dan kollu. Is-Sur Mark Camilleri ġie nterrogat mill-Pulizija u ser jittieħdu passi kriminali kontra tiegħu fi stadju ulterjuri. "*

1.1.4 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 4 artiklu #3.2 fuq liema kuntratt qed nitkellmu u ġiet mibdula kif ġej :

*"Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa l-kuntratt ser jibqa jiġi onorat mill-istess kuntrattur rigward il-kuntratt tal-manutenzjoni tal-bankini."*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier s-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 21(1) tat-26 ta' Mejju 2014:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa rigward artiklu #3.4 ta' paġna 5, jekk kienx hemm xi xi żvilupp.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi rċivejna korrispondenza mingħand il Green MT fejn ikkonfermaw illi l-ammont dovut lill-Kunsill hu ta €5,533.68 .

Il-Kunsillier is-Sur Mifsud staqsa jekk waslux il-boroż il-griżi.

Is-Sindku qal illi il-boroż il-griżi biss fadal nieħdu mingħand il-Green Mt għaliex anke il-kontenituri tal-ħġieġ ġew impoġġija f'posthom.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri informa lill-Kunsill illi il-lezzjonijiet taz-Zumba saru u kien hemm rikjesta qawwija illi jsiru 5 lezzjonijiet oħra, hu staqsa lill-Kunsill jekk jaqbilx li jsiru aktar lezzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri informa lill-Kunsill illi l-lezzjonijiet tal-first aid li kellhom isiru tħassru minħabba li l-għalliem kellu xi studji u mhux ser ikun disponibbli biex jagħti dawn il-lezzjonijiet.

2.1.5 L-ambaxxatur taż-żagħżagħ is-Sur Massa informa lill Kunsill illi hu tkellem mas-Sur Pulis l-istess persuna illi xtaq jagħmel xi graffiti ġewwa Marsaskala u stiednu biex jieħu sehem fl-attivita' ta' Arti fil-Beraħ pero s-Sur Pulis irrifjuta u allura mhuwiex ser jieħu sehem.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fejn infurmahom illi f'dawn ix-xahrejn kemm il-Kuntrattur tal-bankini is-Sur E Mifsud & sons kif ukoll il-Kuntrattur tat-toroq Crossroads Co-operative Society Ltd jinstabu fiċ-ċans illi jixxolju mill-Kuntratt minħabba li għalqet is-sena hekk ukoll jista jagħmel il-Kunsill la darba mhux kuntent bis-servizz.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ż-żewġ kuntratturi imsemmija għandhom ikomplu jagħtu servizz ġewwa l-lokalita' tagħna.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem rigward paġna 9 artiklu #3.13 fejn qal illi hu prova jġib stima għal dan il-fustun tad-dawl fi Triq tal-Gardiel pero ħadd ma ikkuntatjah lura b'risposta.

Is-Sindku qal illi hemm problema bit-toqob tal-arbli.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi rigward paġna 12 artiklu #8.6 waħda mill-problemi ġewwa l-bajjiet ta' Marsaskala u li n-nies qiegħdin jilmentaw fuqha hija fuq id-dgħajjes u karrijiet li jinsabu fit-toroq.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qallu illi għandna lil-laison officer illi jgħinha ħafna illi ser ninfurmawh anke b'dan l-ilment.

2.1.9 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet rigward il-laqgħa ta' Nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju li għandha ssir ġewwa it-Tm.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi għal din il-laqgħa ser jattendi il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar peres illi l-laqgħa ser tkun fuq suġġett illi qajjem hu f'mozzjoni 072 li għamel fil-laqgħa preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb nkunu nafu x'ser ikun qed jipproponi hu f'isem il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi fil-mozzjoni hemm il-punti kollha li ser jitkellem fuqhom li l-Kunsill diġa qabel magħhom.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Korrispondenza mill-MEPA rigward varjazzjoni fil-ħinijiet ta' l-operat tal-impjant (35/3161/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal illi f'din l-ittra illi rċivejna mingħand il-Wasteserv trid t[i evalwata kif suppost għaliex il-Kunsill irid ikun konxju minħabba il-fatt illi qed jirċievi ilmenti ta' spiss mingħand resident mhux biss minħabba ir-riħa iżda anke minħabba il-ħin tal-operat.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet jekk fl-ittra hux qed jitkellem rigward żieda fl-operat jew inkella fil-ħin.

Is-Sindku qal illi hu tkellem mac-CEO tal-Wasteserv minħabba l-ilmenti rigward l-irwejjaħ li kellna u qallu illi kellhom problema bil-bieb u b'hekk bdiet ħierġa ir-riħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li nniżlu fil-minuti l-kumment tal-Profs Buhagiar illi jidher fl-email li bgħatilna hu stess sabiex jagħti l-kummenti tiegħu rigward l-ittra tal-Wasteserv.

*"Dear All, Kindly note content of the letter. Certain aspects of the variations may affect the locality in a negative way. I think you should take care to reply."*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kompla jgħid illi peres illi ser ikun hawn it-trakkijiet dieħlin anke is-Sibtijiet u Ħdud għandna nifhmu x'inhu jgħidilna il-Profs Buhagiar.

Is-Sindku qal illi tajjeb li nitolbu laqgħa mall-Wasteserv jew inkella nistiednuhom għal laqgħa li jmiss.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistiednuhom għal laqgħa li jmiss.

3.2 **Informazzjoni dwar l-eks Jerma Palace Hotel (35/3067/14/I):**

Is-Sindku ppreżenta lill-propjetarji tal-ex Jerma Palace Hotel lill-Kunsill u beda billi spjega illi hemm bżonn l-għajnuna tagħhom sabiex insolvu il-problema li għadna bl-eks Jerma Palace Hotel għaliex jekk le ser ikollna nirrikorru għal għajnuna tal-Pulizija.

Is-Sur Camilleri qal illi hu kien diġa għamel ix-xogħol kollu li kien hemm bżonn sabiex jagħlaq l-aċċess għad-dħul ġewwa l-eks Jerma pero xi ħadd mar u kisser il-ħajt u allura kellhom jerġgħu jibni dan il-ħajt.

Is-Sindku kompla jgħid illi isiru ħafna ittri dispreġġattivi lejn il-Kunsill, hu kopla jgħid illi fil-passat il-Kunsill kien jaħseb li l-propjetarji ma riedux jirranġaw dan l-inkonvenjent pero kif jista jifhem illum il-ġurnata ma kienx it-tort ta l-aħwa Montebello għaliex dawn qed jistennew li jinħarġu l-permessi sabiex ikunu jistgħu jibdew bix-xogħol u l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni mal-entitajiet ħalli dan il-permess ifittex joħroġ u jkun jista jibda t-twaqqieħ tal-binja.

Is-Sur Montebello qal illi huma ilhom li applikaw għall-permess mill-2007 pero' ma wasslu imkien pero issa daħlu 21 applikazzjoni tar-reklamazzjoni tal-art u qed jistennew liema min dawn l-applikazzjonijiet ser jintażlu għaliex id-devoluzzjoni tingħata meta jinħareġ il-permess tal-bini.

Is-Sindku staqsihom jekk huma għandhomx pjan ta' x'ser isir minflok l-eks Jerma Palace Hotel.

Is-Sur Montebello qal illi hemm aktar minn pjan wieħed ta' x'jista jsir pero' għadhom wisq lura, hu kompla jgħid illi hemm applikazzjoni tal-outline development brief kif ukoll kienu issottomettu s-sit tagħhom bħala proposta għal *land reclemation.*

Is-Sindku qal illi ingħalaq ukoll l-aċċess għal bajja u jifhem li r-residenti jistgħu jkunu urtati b'dan.

Is-Sur Montebello qal illi aħjar inżommu l-bajja magħluqa għal aċċess.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa lill-aħwa Montebello għaliex huma qatt ma jirrispondu għal kritika kollha illi jirċievu speċjalment fuq il-gazzetti.

Is-Sur Montebello qal illi ma jħobbx jirrispondi fuq gażżetti anke minħabba l-fatt li jaf jiġi kwotat ħażin.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li l-Kunsill jiġi nformat jekk il-quddiem ikun hemm xi applikazzjoni b'hekk ikunu jistgħu jikkonsultaw ukoll mall-Kunsill.

L-aħwa Montebello qablu dwar dan.

3.3 **Sentenza mill-qorti fejn il-Kunsill ġiet ordnat spejjeż fil-każ Atlas Insurance vs Awtorita' tat-Transport Malta (35/3084/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kellem lill-avukata tagħna għaliex din it-tabella kienu weħluha l-ħaddiema tal-Gvern u mhux l-Kunsill pero il-kawża nqatgħet xorta kontra il-Kunsill u allura ser ikollna nħallsu l-ispejjeż aħna.

3.4 **Proposta mill-Farm Advisory Consortium għal Kunsill Lokali ta' Marsaskala (35/3292/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din hija iniżjattiva li pproponija l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar fil-laqgħa preċedenti fejn dan huwa proġett tal-Unjoni Ewropea u wara li rajna x'tinvolvi jħoss illi din l-inizjattiva ser toħloq kontroversja.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jitkellem fuqha l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar fil-laqgħa li jmiss.

3.5 **Korrispondenza dwar possibilita' ta' twaħħil ta' statwa "The Guardian Angel":**

Is-Sindku qal illi kien ġie avviċinat mingħand l-ambaxxata russa f'Malta fejn qalulu li kien hemm possibilita' illi jagħtuna statwa sabiex tiġi imwaħħla ġewwa l-Lokal ta' Marsaskala pero meta reġgħa ltaqa magħhom kienu qalulu li din l-istatwa hemm lokalitatjiet oħra interessati għalija allura jidher illi dan il-porġett ser jittieħed minn xi ħadd ieħor.

3.6 **Laqgħa mall-Għaqda Mużikali Sant'Anna:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet x'intqal waqt il-laqgħa li saret mill-membri tal-Kunsill flimkien mall-Għaqda Mużikali Sant Anna għaliex ma setgħetx tattendi.

Is-Sindku qal illi l-laqgħa li kellhom marret tajjeb ħafna, hu qal illi l-għaqda mużikali Sant Anna fehmu illi l-Kunsill ma jistax joħroġ aktar minn €1,165.00 u min naħa l-oħra l-Kunsill fehem illi huma ma jistgħux joffru servizz b'dak il-prezz u b'hekk waslu għal kompromess illi l-Għaqda Mużikali Sant'Anna jagħtu lezzjonijiet lill-istudenti u l-Kunsill ikun jistgħa jixtri instrument wieħed fis-sena sabiex inkunu nistgħu ngħinu aktar fit-tagħlim ta' dawn l-istudenti.

Sar qbil ukoll illi fi żmien il-festa l-Kunsill jibda jirriklama fuq il-fuljett tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna permess ta' reklam doppju, barra min hekk is-Sindku qal illi meta jibda jkollna xi attivita' eżempju l-laqgħa pubblika nibdew nikru l-post tagħhom minflok xi venue ieħor u b'hekk inkunu qed ngħinuhom aktar.

Is-Sindku qal illi ltaqa' ma persuna fejn qallu li xtaq jikri l-ispazzjoni t' barra tal-istainless steel bins li għandna fuq il-promenade u sar ftehim miegħu illi jibda jħallas €400 fis-sena u dawn imorru direttament lill-Għaqda Mużikali Sant'Anna biex b'hekk inkopru l-ispejjeż tal-kunċertt.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu tkellem ma membru mill-Għaqda Mużikali Sant Anna fejn iddiskutew il-possibilita` illi jibda jsir kunċert organiżżat mill-Kunsilll bl-aljevi tal-għaqda stess u b'hekk ikunu jisgħu jesebixxu matul is-sena kollha.

Is-Sindku qal illi l-Ħamis 17 ta' Lulju hemm il-ħsieb li jsir kunċert mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna u dan u dan l-avveniment ser jidħol fil-kalendarju tal-Kunsill biex b'hekk inkunu bħall vilaġġu u rħula oħra fejn isiru kunċerti qabel il-festa tal-lokal

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal għal-laqgħa fis-8.10p.m***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kien hemm punt ieħor rigward l-istandard għaliex tajjeb li l-Kunsill ikollu wieħed tiegħu ukoll.

Is-Sindku qal illi l-kumitat qabel li ser tintbgħat ittra ta' apoloġija lill-Kunsill minħabba n-nuqqas ta' ftehim li kien hemm fl-ittra preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil-ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill li jmiss ser ikun hemm l-artiklu tal-Għaqda Mużikali Sant Anna.

Is-Sindku qal ukoll illi saret diskussjoni mall-Għaqda Mużikali Sant' Anna rigward Triq il-Knisja fejn kien hemm suġġerimenti illi din it-triq tingħalaq u issir pedestrianised kif ukoll suġġeriment ieħor kien illi minflok tingħalaq inwessaw il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk din it-triq tingħalaq ser jinqala pandemonju sħiħ speċjalment minħabba l-mużew.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi għandna nżommu f'moħħna l-parkeġġ ta' din it-triq għaliex għandna bżonnu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ħdejn il-mużew hemm daħla fejn jekk tiġi studjata sew inkunu nistgħu nutilizzawa bħala parkeġġ u dak li ser nitilfgħu min quddiem il-knisja inkunu qed nġibuh xorta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nqabdu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel żewġ pjanti.

3.7 **Pots quddiem Grabiel Restaurant:**

Is-Sindku qal illi faċċata ta' Grabiel Restaurant għandna ineħħu l-bollards u ngħamlu pots.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 **<u>Korrispondenza mingħand is-Sur Simon Grima għan-nom ta' Transport Malta rigward Triq La Sengle (35/3010/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għajnuna mingħand Transport Malta rigward Triq La Sengle mhux ser ikollna, skond ir-risposta mingħand is-Sur Simon Grima.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Triq La Sengle ser issir xorta pero min naħa tal-Kunsill Lokali għaliex għalkemm tlabna lit-Tm sabiex jagħmlu l-bażi min naħa tagħhom, it-talba tagħna ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill kull ma talab kien li l-bażi bic-cement stabilization issir min naħa ta' Tmalta imma din ma ġietx milqgħua u allura mhux ser issir.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.9 **<u>Laqgħa mal-Ministru Mizzi u s-Sur Ramon Deguara rigward il-frekwenza tat-tindif li ser issir min naħa tal-Gvern Ċentrali u li se jinbidlu l-litter bins fejn se jirpoġġew litterbins ta' 100 litru minflok dawk eżistenti (35/3339/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal illi hu attenda għal-laqgħa li saret mal-Ministru Mizzi u s-Sur Deguara u waħda mill-affarijiet li ntqalu waqt din il-laqħa kienet illi ser ningħataw kennies min naħa tal-ministeru fejn ser jibda jkun qed jiknes fil-Lokalita' ta' Marsaskala mit-Tnejn sal-Ħadd fejn mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn l-4:00pm u l-11:00pm, is-Sibt bejn l-4:00pm u d-9:00pm, il-Ħadd bejn 4:00pm u t-8:00pm ser ikun qed joħroġ anke l-iskart mil-litter bins,jiknes, jiġbor karti min ma' l-art, u darbtejn fil-ġimgħa bejn is-2:00pm u s-6:00 ser ikun qed jaħsel ukoll il-promenade u anke l-istreet furniture aparti x-xogħol l-ieħor diġa msemmi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-bins ta' fuq il-promenade ser jinbiddlu minn dawk ta' 30 litru għal dawk ta 100litru u allura jitnaqqas l-ammont ta' bins fuq il-promenade. Dawn il-bins ser jinbidlu min naħa tal-Gvern Ċentrali fejn il-Cleansing Directorate se jieħu ħsieb għax-xiri u tibdil ta' dawn il-bins.

3.10 **<u>Appell fil-qorti ta' l-appell sottomess min naħa ta' Projekte Global- Tender KLM 2013/10 (35/3338/14/I):</u>**

Is-Sindku beda billi qal illi fil-proġett tal-Miżura 313 tal-family park f'San Tumas fl-ewwel parti ta' dan il-proġett cioe it-tender ta' l-infrastruttura KLM2013/09 mar kollox sew bil-proċess ta' aġġudikazzjoni u x-xogħol miexi sewwa.

Iżda rigward it-tender ta' l-apparat tal-logħod KLM2013/10 il-Kunsill kien irrakkomanda lil JGC peress li l-orħos offerent kien naqas milli jissottometti l-bid bond oriġinali.

Dan il-Kuntrattur cioe Projekte Global kin fetaħ appell mal-Public Contracts review board liema appell ġie mirbuħ mill-Kunsill pero' issa fetaħ appell ieħor quddiem il-qorti superjuri u qed jitfana lura biċ-ċans li l-Kunsill saħansitra jista jitlef il-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill kien laħaq iffirma l-kuntratt ma JGC peress li kien iċċekja mal-PCRB iżda fuq parir ta l-avukat, dan il-kuntratt ġie sospiż.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta kien tela għall-appell li fetaħ il-kuntrattur Projekte Global kien qal illi hu ċempel meta nfetħu t-tenders u konna irrimarkajna mill-ewwel illi l-bid bond ma kinitx oriġinali fit-tender li kien infetaħ u meta intqal dan id-diskors lill-persuna li tirrapreżenta lill-Projekte Global qalet illi kienet intefgħet bi żball u jekk hemmx xi mod kif din tista tiġi rimedjata, allura s-Segretarju Eżekuttiv kien staqsiha jekk jistgħax ikun l-oriġinali hux qeda fit-tender l-ieħor pero din il-persuna ikkonfermat li lanqas kienet fit-tender l-ieħor, hu kompla jgħid illi ssuġerixxa lill din il-persuna sabiex tibgħat ittra u jieħdu deċiżjoni fuqha il-bord tal-aġġudikazzjoni liema bord hu lanqas biss għandu vot fih. Meta hu iċċekja mal-bord dawn irrimarkaw li l-kuntrattur kien iffirma karta fejn tgħid illi la darba id-dokumenti

sottomessi fit-tender mhumiex korretti t-tender għandu jaqa, barra min hekk Projekte Global ikkonfermaw illi huma ma issottomettewx d-dokument korrett fuq email illi bagħtu ġewwa l-Kunsill u allura hekk kellu jsir, anke minħabba kuntratturi oħra illi ssotomettew it-tender tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa x'imiss li jiġri.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi sat-28 ta' Lulju irridu nirrispondu lura b'ittra u eventwalment nidħlu l-qorti u fi żmien 4 xhur għandu jinqata l-appell.

3.11 **<u>Deċiżjoni mil-MEPA fuq medium rise building :</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-Kunsill diġa saret diskussjoni rigward il-high rise buildings fejn hu kien ġibed l-attenzjoni illi l-lokalita' ta' Marsaskala taqa taħt il-medium rise buildings fejn jistgħu jitilgħu sa 10 sulari ta bini u l-Kunsill ma kienx qabel dwar dan u ġew imniżżla ir-raġunijiet fuq din id-deċiżżjoni fejn dawn il-punti ġew ippublikati u kwotati fil-gazzetti.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal-laqgħa fit-8.47p.m***

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-punti kollha li konna iddiskutejna fuqhom għandna nibqgħu nsostnu fuqhom għaliex il-kummenti li tat il-MEPA rigward dan is-suġġett huma ta' insult għar-residenti ta' Marsaskala fejn diġa għandna problemi kbar bil-bini kollu li qed jinbena u jħossu disgustat bil-binja ta' Monita' aħseb u ara jekk jibdew jitilgħu binjiet oħra ta' 10 sulari, Il-Kunsillieris-Sur John B Camilleri kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu għandha ssir press conference anke sabiex nuru lir-residenti illi aħna ma naqblux ma dawn il-proposti u għalkemm aħna diġa tgħajna l-opinjoni tagħna fuq dan is-suġġett u urejna li ma naqblux xorta ġejna injorati u allura għandna niġġieldu kontra din il-proposta.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi anke kif qiegħdin fil-preżent b'għoli ta' ħames sulari għandna problemi bid-dlam kollu li jaqa minn kmieni wara nofsinhar. Kif ukoll nuqqas ta' parkeġġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser nbatu ħafna mir-riperkussjonijiet b'din il-policy u b'hekk għandna nibqgħu nagħmlu pressjoni, hu kompla jgħid illi żviluppi oħra bħal per eżempju lukanda ġdida ġewwa Marsaskala ser tkun qed tagħmel ħsarat fit-toroq pero hija xi ħaġa li tissewwa għad-differenza ta' problemi li jinqalgħu b'dawn il-binjiet eżempju il-panelli fejn ma jkunx hemm aċċess ta' dawl għalihom b'hekk dawn huma ħsarat irreparabli, għalhekk iħoss illi għandha issir press conference quddiem il-Kunsill u jiġu mistiedna l-media.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb nistiednu anke NGO's favur l-ambjent għal din il-press conference.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-press conference issir Nhar is-Sibt 5 ta' Lulju 2014 fl-10:00am u għandna nistiednu l-media, NGO's , din l-Art Ħelwa u lis-Sinjura Astrid Vella.

3.12 **<u>Korrispondenza mibgħuta mis-Sid tal-ħanut Summer nights rigward kaxxa tad-dawl fi Triq ix-Xatt:</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet rigward l-ittra li rċivejna mingħand is-sid tal-ħanut Summer nights fejn qed jilmenta fuq kaxxa tad-dawl li twaħħlet quddiem l-istabbiliment tiegħu mingħand il-persuna li tarma bil-van tal-ġelat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm żewġ arbli wieħed li qiegħed imejjel li huwa tal-Kunsill fejn ser jinbidel il-ġimgħa id-dieħla u l-arblu l-ieħor huwa tas-sid tal-van tal-ġelat fejn il-Kunsill m'għandux x'jaqsam miegħu fejn ħafna nies qed jilmentaw anke ħabba il-fatt li qed ikun viċin wisq l-Istabillmenti tal-ikel u x-xorb fejn il-liġi tgħid illi għandu jkun sa 50 metri l-bod min stabilimenti oħra u allura qiegħed jikser il-liġi u jħoss li dawk li qed jilmentaw għandhom raġun. Hu kompla jgħid illi tajjeb iressaq din il-kaxxa x'imkien ieħor fejn l-Enemalta tindikalu skond il-liġi fejn tistgħa titwaħħal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar żied jgħid illi l-problema tal-imwejjed fi Pjazza Mifsud Bonniċi għada hemm hu jixtieq illi jsiru żewġ bankijiet quddiem l-uffiċju tal-Nutar Casingena.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel pero la darba din il-proċedura tiġi applikata ma kulħadd.

Is-Sindku qal illi bħal ma kien diġa issuġerixxa sabiex dan l-abbuż ma jibqax isir u li l-Kunsill jagħti permess lis-sidien tal-ħwienet illi jkunu jistgħu joħorgu xi mwejjed u siġġijiet fil-parkeġġ ta' quddiem l-istabbiliment tagħhom, dan bi ħlas ta' €1.16 kull metru kwadru.

Il-Kunsill qabel unanimament illi min ikun interessat jistgħa japplika mall-Kunsill.

3.13 **Korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill mingħand resident:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva korrispondenza mingħand resident illi xtaq li ngħadduha mil-laqgħa tal-Kunsill għaliex qed jgħid illi t-traffic lights ta quddiem Grabiel restaurant mhux qed jinqelbu sew.

Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu din l-ittra lit-Transport Malta.

3.14 **Permessi tal-festa:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-permessi tal-festa ser jibqgħu l-istess bħas-snin preċedenti.

3.15 Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-parkeġġi li hemm fi triq il-Hortan humiex skond l-istandards ta' TMalta.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward il-pagamenti tal-fuel tal-van tal-Kunsill hu qed iħoss illi l-ammont ta' nefqa fuq il-fuel huwa ħafna u tajjeb illi nżommu record ta kemm qed jinħela fuel.

**l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni u Sejħa għall-Offerti:***

5.1 **KLM 2014/02- Street Sweeping and Grass cutting in Urban Roads:**

| | Kuntrattur | Bid Bond | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1 | Ronald Bezzina | Ok | As per BOQ €45000/annum |
| 2 | WM Environmental Ltd | Ok | €65000/annum As per BOQ |
| 3 | Owen Borg | Ok | €64200/annum As per BOQ |
| 4 | Raymond Attard | Ok | €54000/annum As per BOQ |
| 5 | Saviour Mifsud | Ok | €57500/annum As per BOQ |

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi skond il-minuti tal-bord ta' aġġudikazzjoni s-Sur Ronald Bezzina kien l-orħos offerent kif ukoll bgħatilna ir-rati tal-pagi tal-ħaddiema tiegħu fejn ġew evalwati mill-bord u wara it-tieni laqgħa kellhom bżonn request for clarification fuq il-vacation leave tal-ħaddiema u r-risposta tagħhom kienet illi meta jkollhom xi ħaddiem bil-leave huma ser ikunu qed jaħdmu minfloku. Il-bord ta' aġġudikazzjoni għaldaqstant kien qed jirrakomanda li din is-sejħa tingħata lis-Sur Bezzina li kien l-orħos offerent u li ġie meqjus bħala technically u administratevly complaint.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jirrakomdanda lis-Sur Bezzina għal din l-offerta.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur Charlot Mifsud (#073 - 2/6/14):**

*"Jipproponi sabiex fi Triq La Sengle ma jgħaddiex heavy traffic minbarra t- trasport pubbliku u dawk it-trakkijiet illi jofru servizz."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi proposta bħal din diġa konna għamilniha għaż Żonqor pero ser ikun hemm diffikulta bi Triq La Sengle jekk tiġi magħluqa ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal hu qed jirreferi għat-trakkijiet kbar ħafna għaliex meta jkun hemm karozzi ipparkjati u jiġi biex jgħaddi trakk jispiċċa jitla fuq il-bankina.

Is-Sindku qal li diffiċli tispeċifika liema trakkijiet għandhom jgħaddu u liema le.

Il-Kunsill qabel unanimament illi japplika għal din it-tabella.

7.2 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#074 – 23/6/14):***

*"Jipproponi li il Kunsill jitlob il-Mepa terġgħa tiftaħ bieb fejn kien ilu hemm għal bosta snin u ġie imbarrat ftit xhur ilu fi Triq l-Iskal lejn sqaq li jagħti għal Pjazza Dun Tarcis."*

Is-Sindku qal illi dak hu post privat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb inġibu konferma mingħand il-Lands Department.

Il-Kunsill qabel unanimament.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mil-laqgħa fid-9.54p.m.***

7.3 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#075- 23/6/14):***

*"Jipproponi li dawk is-siti storiċi li għadhom mhux skedati jiġu mħarsa. Il-Kunsill lest jibgħat site plan fejn jindika dawk is-siti lill-MEPA."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qalli illi għad hawn siti li mhumiex skedati eżempju il-batterija taż-Żonqor u għalhekk tajjeb li nagħmlu lista bis-siti kollha f'Marsaskala u nibgħatuha lill-MEPA.

➢ Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm problema fi Triq La Sengle u Triq San Ġwakkin minħabba d-dawl antik li għad hemm f'dawn it-toroq għaliex qiegħdin imweħħlin ukoll b'wires imsaddin u allura qiegħdin ta' periklu, hu kompla jgħid li tajjeb li jinbidlu u jittieħdu fondi mill-UIF.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb iġib l-costings ta' dan id-dwal sabiex ngħadduha quddiem il-Kunsill.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku